FGURA

Minuti tal-ħames laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 14 t'Ottubru 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.14pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | |
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur Degiovanni |
| **Kunsillieri**: | Is-Sur B.Camilleri<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R.Cutajar<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur M.Lombardo |
| **Deputat Segretarju:** | Is-Sur K.Borg |

Is-Sur C.Bonello u s-Sur A.Debono kienu nfurmaw li ma setgħux jattendu.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

Is-Sindku talab lill-Kunsill biex issir sospenzjoni ta' l-Agenda u jiddiskutu biss item 6 minħabba l-urġenza ta' din il-materja u anke għax huwa kellu mpenji oħra. Is-Sur M.Lombardo staqsa għaliex il-Viċi Sindku ma jkomplix il-laqgħa. Il-Viċi Sindku qal li huwa għandu l-istess impenn.

Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan.

## 6. <u>Jum il-Fgura u Ġieħ il-Fgura</u>

Is-Sur B.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2563/09/6 "Sabiex jinħatar sotto-kumitat li jiddiskuti u jipproponi il-persuna li ser tingħata/jingħata Ġieħ il-Fgura mill-applikazzjonijiet li daħlu sas-16 ta' Ottubru ukoll dan is-sotto kumitat jiddiskuti u jipproponi il-persuna/persuni li se jingħataw "Ħajr il-Fgura". Ikun magħmul min: Byron Camilleri, Darren Marmara', Saviour Camilleri, Anthony Degiovanni.

Il-mozzjoni ref: 2563/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Segretarju nforma li l-laqgħa tas-sotto kumitat Ġieħ il-Fgura għandha issir nhar it-Tnejn 19 t'Ottubru 2009 fis-6.00pm

Is-Sur B.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2564/09/6 "Sabiex isiru dawn it-tibdiliet fil Program ta' Jum il Fgura" Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2564/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur M.Lombardo staqsa x'hini r-raġuni li l-Car Free Day tħassret. Il-Viċi Sindku qal li din għandha tkun ta' aktar importanza lill-Ambjent u trid tiġi studjata aħjar. Is-Sur M.Lombardo qal li meta organiżżazzjoni tiddeċiedi li tagħmel attivita' din għandha tikkonsulta mal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku qal li waqt iċ-ċerimonja tat-tlugħ tal-bandiera ser tingħata tifkira lill-Ex Kunsilliera. Dawn huma t-Tabib Ettienne Grech u s-Sur Charles Agius.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15pm u kellha titkompla nhar l-Erbgħa, 21 t' Ottubru fis-6.00pm.

___________________ Sindku

_________________ Deputat Segretarju